MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## S.T.O. PRIM IMHALLEF
## VINCENT DE GAETANO

Seduta tad-29 ta' Dicembru, 2006

Numru 296/2006

**Il-Pulizija**

**v.**

**Marco Spiteri**

Il-Qorti:

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva permezz ta' att ta' citazzjoni kontra Marco Spiteri talli fl-24 ta' Gunju 2006 ghall-habta tad-9.30 pm fi Triq Mgarr, fix-Xewkija, Ghawdex, waqt li kien qed isuq vettura GVH-473 (**1**) b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni u b'nuqqas ta' thrais tar-regolamenti qasam il-linji bojod, (**2**) habat ma' vettura LWY-227 u nvolontarjament ikkaguna hsara fiha a dannu ta' Mario Spiteri mix-Xewkija, u (**3**) aktar, talli b'nuqqas ta' haieb, bi traskuragni u b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti, involontarjament ikkaguna offiza ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' l-imsemmi Mario Spiteri mix-Xewkija kif iccertifikat mit-tabib Dott. Mario Saliba MD;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) tal-31 ta’ Awissu 2006 li permezz taghha dik il-qorti lliberat lill-imputat mill-ewwel imputazzjoni peress li “ma tirrizultax pruvata”, sabitu hati skond it-tieni imputazzjoni u kkundannatu multa ta’ ghoxrin lira (Lm20), u astjeniet milli tiehu konjizzjoni tat-tielet imputazzjoni “stante rinunzja da parti ta’ Mario Spiteri”;

Rat ir-rikors ta’ appell ta’ l-imsemmi Marco Spiteri, minnu ppresentat fit-13 ta’ Settembru 2006, li permezz tieghu talab ir-rforma ta’ l-imsemmija sentenza sabiex huwa b’hekk jigi liberat minn kull imputazzjoni u piena;

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet il-provi – konsistenti fid-deposizzjoni tas-Surgent 369 Joseph Mizzi u ta’ Anthony Gambin biss – kif ukoll lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tat-22 ta’ Dicembru 2006; ikkunsidrat:

L-aggravju ta’ l-appellant hu fis-sens li ma kien hemm ebda prova li hu “kien qed isuq b’nuqqas ta’ hsieb, bi traskuragni jew b’nuqqas ta’ hila fl-arti jew professjoni tieghu jew aktar b’nuqqas ta’ tharis tar-regolamenti”.

Frankament din il-Qorti ma tistax tifhem ghala f’dan il-kaz xehdu biss l-ufficjal tal-pulizija li ghamel l-iskizz u li ha r-rapport – is-Surgent Mizzi – u l-persuna li kienet riekba ma’ l-imputat fil-*fire tender*. Mario Spiteri, is-sewwieq tat-*taxi* LWY-227, li kien l-unika persuna li seta’ jaghti xi versjoni differenti minn dik moghtija mill-appellant (lill-pulizija) u minn siehbu Anthony Gambin, baqa’ ma xehedx. Skond ir-rapport tal-pulizija – li, pero`, fejn si tratta tal-versjoni moghtija minn Mario Spiteri, tammonta ghal xiehda fuq kliem haddiehor (*hearsay*) u ghalhekk fic-cirkostanzi mhix ammissbbli – il-*fire tender* f’hin minnhom giet biex iddur ghal go ghalqa fuq ix-xellug tat-triq u meta giet biex taghmel din il-manuvra oltrepassat il-linja l-bajda li tiddividi z-zewg karreggjati, u kien b’hekk li hija hadet zbrixx il-vettura ta’ Mario Spiteri (l-offizi li kellu dan Mario Spiteri kienu kkagunati, dejjem skond ir-rapport tal-pulizija, mill-frantumazzjoni tal-mera tal-genb li bicciet minnha taru f’ghajnejn Mario Spiteri). Skond il-versjoni moghtija mill-appellant lill-pulizija, kien is-sewwieq tat-*taxi*,

cioe` Mario Spiteri, li qasam il-linja l-bajda u laqat il-*fire tender* li kienet ghaddejja bid-dritt fil-karreggjata taghha u li f'ebda hin huwa ma ghamel xi manuvra biex idur lejn ix-xellug, kif allegat minn Mario Spiteri. Din il-versjoni ta' l-appellant hija korroborata minn Anthony Gambin. Anqas jista' jinghad li l-iskizz (fol. 3 ta' l-atti) jindika xi haga li mhix kompatibbli mal-versjoni ta' l-appellant, jew li tissufraga l-tezi tas-sewwieq tat-*taxi*.

Jigi nnutat, inoltre, li hemm ftit ta' kuntradizzjoni fis-sentenza appellata. Galadarba l-ewwel qorti lliberat lill-appellant, allura imputat, mill-ewwel imputazzjoni – li qasam il-linji bojod – u galadarba l-uniku nuqqas da parti ta' l-appellant, kif ravvizat fil-versjoni ta' Mario Spiteri, kien proprju li l-appellant qasam din il-linja u b'hekk habat zbrixx mat-*taxi*, din il-Qorti ma tistax tifhem kif setghet l-ewwel qorti ssib xi htija fl-appellant ghall-akkadut.

Ghall-motivi premessi, tilqa' l-appell u konsegwentement tirriforma s-sentenza appellata billi thassarha u tirrevokaha f'dik il-parti fejn sabet lil Marco Spiteri hati skond it-tieni imputazzjoni u fejn ikkundannatu multa ta' ghoxrin lira, u minflok tilliberah minn din l-imputazzjoni; u tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM--------------------------------